



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ġunju 2019  
(OR. en)

8928/19

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2019/0090 (NLE)

---

PECHE 221

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...**

**ta' ...**

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll  
dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd  
bejn il-Komunità Ewropea  
u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu, flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) u l-Artikolu 218(7),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1+</sup>,

---

<sup>1</sup> Approvazzjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).  
<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta n-nota f'qiegħ il-paġna t'hawn fuq.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 241/2008<sup>1</sup> dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau ("il-Ftehim")<sup>2</sup>. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-15 ta' April 2008, ġie mġedded b'mod taċitu u għadu fis-seħħ.
- (2) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda fit-28 ta' Frar 2017 li jawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Guinea-Bissau għall-konklużjoni ta' protokoll ġdid li jimplementa l-Ftehim.
- (3) Il-protokoll preċedenti tal-Ftehim skada fit-23 ta' Novembru 2017.
- (4) Il-Kummissjoni nneozjat protokoll ġdid f'isem l-Unjoni. Bħala riżultat ta' dawk in-negozjati, il-protokoll il-ġdid ġie inizjalat fil-15 ta' Novembru 2018.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 241/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (ĠU L 75, 18.3.2008, p. 49).

<sup>2</sup> ĠU L 342, 27.12.2007, p. 5.

- (5) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...<sup>1+</sup>, il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024) ("il-Protokoll") ġie ffirmat fi ...<sup>++</sup>.
- (6) Il-Protokoll japplika fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu.
- (7) L-għan tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika tal-Guinea-Bissau jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jipromwovu politika tas-sajd sostenibbli, l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Guinea-Bissau u l-isforzi tal-Guinea-Bissau biex tiżviluppa ekonomija blu.
- (8) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... dwar... l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024) (ĠU L ...).

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 8917/19 fit-test u kkompleta n-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti.

<sup>++</sup> ĠU: daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll li tinsab fid-dokument ST 8894/19.

- (9) L-Artikolu 10 tal-Ftehim jistabilixxi l-Kumitat Konġunt responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, skont dak l-Artikolu, u l-Artikolu 5, l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 7(4) u l-Artikolu 8(2) u (4) tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta ċerti modifiki għall-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' dawn l-emendi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata, soġġetta għal kondizzjonijiet sostantivi u proċedurali, li tapprovahom f'isem l-Unjoni skont proċedura ssimplifikata.
- (10) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-UE dwar il-modifiki għall-Protokoll tiġi stabbilita mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri. L-emendi proposti ser ikunu aċċettati dment li ma jkunx hemm minoranza li timblokka, skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), ta' Stati Membri li joġġezzjonaw fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri.
- (11) Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt dwar kwistjonijiet oħra jenħtieġ li tiġi ddeterminata skont it-Trattati u l-forom ta' prattika stabbiliti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024) huwa b'dan approvat f' isem l-Unjoni<sup>1+</sup>.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifiki previsti fl-Artikolu 17 tal-Protokoll.

---

<sup>1</sup> It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fil-... flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.  
<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta n-nota f'qiegħ il-paġna t'hawn fuq.

*Artikolu 3*

Skont il-proċedura stipulata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata li tapprova, fisem l-Unjoni, il-modifiki għall-Protokoll li għandu jiġi adottat mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 10 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

## ANNEX

Proċedura għall-approvazzjoni tal-modifiki għall-Protokoll  
li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt

Fejn il-Kumitat Konġunt jintalab jadotta l-modifiki għall-Protokoll skont l-Artikolu 5, l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 7(4) u l-Artikolu 8(2) u (4) tal-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tapprova l-modifiki proposti f'isem l-Unjoni, skont il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (1) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni f'isem l-Unjoni:
  - (a) tkun konformi mal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd;
  - (b) tkun konsistenti mar-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u tqis il-ġestjoni konġunta mill-Istati kostali;
  - (c) tqis l-aħħar informazzjoni statistika, bijoloġika u dwar aspetti oħra rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni.
- (2) Qabel ma l-Kummissjoni tapprova l-modifiki proposti f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tressaqhom quddiem il-Kunsill kmieni biżżejjed qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt.
- (3) Il-konformità tal-modifiki proposti mal-kriterji stipulati fil-punt 1 ta' dan l-Anness ser tiġi vvalutata mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri.

- (4) Dment li għadd ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka fil-Kunsill skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma joġġezjonawx għall-modifiki proposti, il-Kummissjoni għandha tapprovahom f'isem l-Unjoni. Jekk ikun hemm din il-minoranza li timblokka, il-Kummissjoni għandha tiċħad il-modifiki proposti f'isem l-Unjoni.
- (5) Jekk, matul laqgħat sussegwenti mal-Guinea-Bissau, inkluż dawk fuq il-post, ikun impossibbli li jintlaħaq qbil, il-kwistjoni għandha tgħaddi għal darba oħra quddiem il-Kunsill, skont il-proċedura prevista fil-punti 2 sa 4, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun tqis l-elementi l-ġodda.
- (6) Il-Kummissjoni mistiedna biex, fi żmien debitu, tiegħu kull pass meħtieġ bħala segwitu għad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, fejn xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-preżentazzjoni ta' kwalunkwe proposta xierqa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.
- (7) Fi kwistjonijiet oħra, li ma jikkonċernawx modifiki għall-Protokoll skont l-Artikolu 5, l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 7(4) u l-Artikolu 8(2) u (4) tiegħu, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt għandha tiġi ddeterminata skont it-Trattati u l-forom stabbiliti tal-prattiki tal-ħidma.